**31 ta' Jannar 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino, B.A., LL.D.**

Louis Ferris

*versus*

Alexander Borg Bartolo

**Debiti Diversi - Ħlas Parzjali - Imputazzjoni**

*Skond il-ġurisprudenza f'materja ta' imputazzjoni ta' pagament l-għażla*

*ta' l-imputazzjoni tmiss l-ewwel nett lid-debitur; jekk ma jagħmilhiex id-debitur tmiss lill-kreditu; u tant jekk issir minn wieħed kemm jekk issir mill-ieħor, hija tant libera li tista' anke ma tkunx favorevoli għall-interessi tat-terzi;*

*L-imputazzjoni tal-pagament magħmula bil-konkors tal-kontraenti hi finali u ma tistax tiġi kkontestata - lanqas minn terzi. Aktar u aktar ma tistax tiġi opposta mill-kreditur jew mid-debitur.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tad-19 ta' Ġunju, 1989, li bih l-attur wara li ppremetta *illi wara sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-22* ta' Novembru,1988, fil-kawża fl-ismijiet "Alexander Borg Bartolo vs Louis Ferris" (Ċitaz. Nru. 165/88 VBC), il-konvenut fit-2 ta' Frar, 1989, talab u ottjena il-ħruġ ta' mandat ta' qbid numru 206/89 għas-sorte, imgħax u spejjeż kanonizzati b'dik is-sentenza u ammontanti komplessivament għas-somma ta' tmien *mija u disa' u tletin lira maltija, sebgħin ċenteżmu u sitt milleżmi* (LM839.70,6) u li l-attur fis-7 ta' Frar, 1989, bagħat lil ħatnu li effettivament fl-istess ġurnata mhux biss ħallas a saldu l-ammont fuq indikat u l-ispejjeż tal-mandat, iżda *ad insaputa* ta' l-attur ħallas somma ulterjuri li m'hijiex dovuta lill-konvenut;

1. Tordna *r-revoka tal-mandat ta' qbid numru 206/89* maħruġ minn din l-istess Qorti, u tas-sussegwenti atti tas-subbasta prevja occorrendo d-dikjarazzjoni li l-ammont indikat fil-mandat ta' qbid u l-ispejjeż ta' l-istess mandat jinsabu mħallsa;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra legali ddatata 11 t' April, *1989, kontra l-konvenut;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu illi tħallsu l-ispejjeż tal-Mandat ta' Qbid *numru 206/89 kif mitlub* fiċ-ċitazzjoni...

*Omissis*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-30 ta' Novembru, 1993, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Jiġu qabel xejn irreġistrati l-fatti kif jallegahom l-attur:-

1. B'sentenza ta' din il-Qorti **tat-22 ta' Novembru, 1988,** il-konvenut ġie kanonnizzat debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm681.41, oltre mgħax u spejjeż;

2. Fit-**2 ta' Frar, 1989,** il-konvenut ottjena l-ħruġ ta' **mandat ta' qbid** numru 206/89 eżekuttiv għall-ħlas ta' dan l-ammont kif kanonnizzat, li, bl-imgħax u spejjeż, laħaq allura s-somma ta' LM839.70,6;

3. Notifikat bil-mandat, l-attur, billi kemm hu u martu ma kinux jifilħu, inkarigaw lil ħatnu Victor Zarb biex imur il-Qorti u jħallas d-debitu kollu relattiv għal din is-sentenza u mandat eżekuttiv;

4. Meta mar il-Qorti dan Zarb fis-**7 ta' Frar, 1989,** *"bic-cheque book (ta' l-attur),* ***għalkemm hu mingħalih kien qed iħallas id-debitu in kwistjoni,*** *effettivament* ***ad insaputa tiegħu u ta' l-attur*** *ħallas ammont ieħor pretiż mill-konvenut"* Dan it-tieni ammont jirriżulta minn mandat ta' qbid ieħor, kawtelatorju,

waqt li l-ewwel wieħed kien eżekuttiv, għas-somma ta' LM1,451.89. Dan il-mandat ġie maħruġ mill-Qorti fl-**1 ta' Frar, 1989,** u nnotifikat lill-attur u eżegwit fit-**3 ta' Frar, 1989;**

*Bħala riżultat Zarb issalda l-ammont mitlub* bil-mandat kawtelatorju u mill-mandat eżekuttiv ħallas biss is-somma ta' LM156.55,6;

5. Il-pagament sar minn Zarb f'inkontru li kellu mal-Prokuratur Legali Carmen Depasquale -tirrappreżenta lill-*konvenut kreditur - u tal-Marixxal tal-Qorti Joseph Micallef. Sar* ftehim illi l-bilanċ dovut fuq il-mandat eżekuttiv seta' jitħallas mill-attur debitur b'rati;

6. L-attur jikkontendi li l-pagament li sar sar bi żball, in kwantu hu ried li jiġi ssaldat l-ammont li kien ġie kkanonnizat *bis-sentenza kontra tiegħu kif indikat fil-mandat ta' qbid* eżekuttiv. Interpella lill-konvenut biex jirrikonoxxi dan l-iżball, iżda dan irrifjuta...

*Omissis;*

*Il-fatti tal-kawża huma infatti rregolati mill-Artikoli 1168 et* seq tal-Kodiċi Ċivili, li jirrigwardaw l-imputazzjoni tal-ħlas mid-debitur u mir-regoli li għandhom jiġu segwiti:-

"F'materja ta' imputazzjoni ta' pagament, ix-xelta ta' l-imputazzjoni tmiss l-ewwelnett lid-debitur; jekk ma jagħmilhiex *id-debitur, tmiss lill-kreditur; u tant jekk issir minn wieħed kemm* jekk issir mill-ieħor, hija tant libera, li tista' anke ma tkunx favorevoli għall-interessi tat-terzi;

**Id-dritt tax-xelta għandu jiġi eżerċitat fl-att tal-pagament;**

Id-debitur li jaċċetta x-xelta magħmula mill-kreditur, **ma jistax wara jimpunjaha.** Meta x-xelta tkun saret jew mid-debitur jew mill-kreditur, **ma hemmx lok għall-applikazzjoni tar-regoli ta' l-imputazzjoni legali.** (Vol. XXIX, P.III, pg.80);

Qabel ma jistgħu jiġu applikati r-regoli tal-liġi dwar l-imputazzjoni, għandu jiġi eżaminat jekk id-debitur għamilx xi imputazzjoni jew f'każ illi huwa m' eżerċitax id-dritt tiegħu jekk eżerċitahx floku l-kreditur. Il-fatti juru illi l-attur kif irrappreżentat minn ħatnu, għamel din l-għażla u ddetermina din l-imputazzjoni li ried jagħmel fir-rigward taż-żewġ debiti li kienu qed jiġu lilu kkontestati. Però anke fl-ipotesi għall-grazzja ta' l-argument, li dan m' għamlux Zarb, ċertament għamlu apertament u b'mod inekwivoku il-kreditur kif rappreżentat bil-Prokuratur Legali tiegħu. *"Id-debitur li jaċċetta imputazzjoni li għamel il-kreditur, **ma jistax wara jimpunjaha**"* (artikolu 1170 tal-Kap. 16). Fil-każ preżenti l-attur, tramite r-rappreżentant tiegħu, mhux biss aċċetta l-imputazzjoni għall-ammont fil-mandat kawtelatorju, imma addirittura aċċetta il-benefiċċju li ngħatalu konsegwenzjali għal tali imputazzjoni, u ċjoè li jħallas il-bilanċ dovut fuq l-ammont rappreżentat fil-mandat eżekuttiv, b'rati;

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-imputazzjoni saret mir-rappreżentant ta' l-attur konxjament. Imma hi x'inhi l-verita' dejjem is-sitwazzjoni tibqa' favur il-konvenut. *"L'imputazione puo farsi dal creditore allorche il debitore non dichiara nell'atto del pagamento quale debito vuol sodisfare... Il silenzio del debitore nell'imputazione fatta dal creditore **nella quittanza** ( u **l-nnument rilevanti hi dak tal-pagament**) equivale ad accettazione da sua parte quante le volte quest' ultimo non abbia agito con dolo o con sorprese, impegnando cioè, raggiri per far condiscendere il debitore ad una imputazione per lui dannosa*

*ovvero profittando dalla sua ignoranza per indurlo ad accettare quello che non avrebbe mai accettato con cognizione di cause"* (Ricci - Corso di Diritto Civile - Vol. VI, pg 347 et seq). Il-Qorti, kif fuq spjegat, ma tirravviza l-ebda element ta' qerq jew sorpresi da parti tar-rappreżentant legali tal-kreditur, intiż biex jinfluwenza lid-debitur kif rappreżentat biex jaddotta imputazzjoni ta' pagament mod jew ieħor. Kif lanqas ma tirravviża *x' injoranza invinċibbli tal-fatti. Jirriżulta infatti il-*kuntrarju;

Il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-imputazzjoni tal-pagament saret bi ftehim bejn il-kreditur u d-debitur. *"Quando l-imputazione e' stata fatta* ***per concorso di volonta'*** *e' inoppugnabile, ciò vuol dire che vi e' pagamento definittivo, dunque estinzione totale o parziale del debito su cui il pagamento e' stato fatto"* (Laurent - Obligazioni - vol. XVII, pg.436 et seq. Ara wkoll Borsari, Commentario del Codice Civile - Volume Terzo, pg. 699 et seq);

L-imputazzjoni tal-pagament magħmula bil-konkors tal-kontraenti hi finali u ma tistax tiġi kkontestata, lanqas minn terzi. Aktar u aktar ma tistax tiġi opposta mill-kreditur jew mid-debitur;

*Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-*eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.